**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-MADLIENA**

**SEDUTA NUMRU 2**

**NHAR IL-ĦAMIS 29 TA' LULJU 2010 FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Frank Salt | Chairperson |
| Mary Anne Abela | Viċi Chairperson |
| Wallace Farrugia | Membru |
| Alex Chetcuti | Membru |
| Anna Paris | Membru |

**TALBA**

Il-Viċi Chairperson qalet it-talba.

**APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1. Il-minuti tas-Seduta numru 1 ġew approvati. Il-Viċi Chairperson pproponiet. Ic-Chairperson ssekonda.

2. Il-Viċi Chairperson staqsiet dwar il-possibilta' li ż-żona fejn fil-preżent qed iservi ta' Medical Stores f' Ta Stronka tiġi trasferita f' idejn il-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena. Din iż-żona hija addatata biex tiġi trasferita f' post ta' rikrejazzjoni bi playing equipment għaż-żgħażagħ tagħna. Il-Kumitat unanimament qabel. Ġie deċiż li tinkiteb ittra lill-Ministru Cassar kif ukoll tintbagħat kopja lill-Onorevoli Chris Said.

**Estenzjoni ta' Konfini**

3. Il-Kumitat iddiskuta l-possibilta' li l-Madliena Hill u l-villel tal-madwar isiru parti mill-konfini tal-Madliena. Kulħadd qabel mal-proposta. Gie deċiż li tinkiteb ittra lid-dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

Responsabiltajiet tal-Membri

4. Il-Kumitat ideċieda unanimament dwar il-karigi tal-membri. Dawn huma kif jidher:

| | | |
|---|---|---|
| Chairperson | - | Media, Relazzjoni Pubblika |
| Vici Chairperson | - | Progetti u EU affairs |
| Wallace Farrugia | - | Toroq, Upkeep tal-Lokalita' |
| Alex Chetcuti | - | Ambjent u landscaping |
| Anna Paris | - | Dawl |

**Memo 94/2010 SKEMA TA' FINANZJAMENT GĦALL-PROĠETTI U INIZJATTIVI MILL-KUMITATI AMMINISTRATTIVI FIL-LOKALITAJIET TAGĦHOM**

5. Il-kumitat iddiskuta dwar Memo 94/2010.
Il-Kumitat ideċieda li għandha ssir applikazzjoni għal fondi biex jagħmlu tajjeb għall-

| | | |
|---|---|---|
| Website tal-Kumitat Amministrattiv | - | 1650.00 |
| 20 bank ta' l-injam | - | 4425.80 |
| 20 dawl ġdid | - | 15400.00 |
| Total | - | **21475.80** |

**Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija u sar aġġornament ghal nhar il-Ħamis 2 ta' Settembru, 2010 fil-5.00p.m.**

| | |
|---|---|
| **HUGH ZAMMIT** | **FRANK SALT** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Chairperson** |